## IX IL-“ FOREIGN LEGION”

Fortunatament ghall-pellegini taghna, it-temp baqa’ car u pjuttost shun ghal l-istagun tas-sena u bis-sahha t’hekk kienu kapaci jkomplu l-vjagg taghhom bla tfixkil. Dak in-nhar raqdu go stalla tal-baqar fejn ebda baqra ma kien hemm minn mindu l-Germanizi ghaddew xhur qabel minn dawk l-akkwati. Fil-ghodwa tat-tielet jum waslu fis-suq kbir ta’ Fontanelle.

Omm it-tewmin kienet familjari hafna ma’ l-ambjent. Fakkarha fi tfulitha meta flimkien ma’ missierha kienet tinzel is-suq biex tbiegh il-prodotti taghhom ta’ l-ghelieqi. Minn hawn xtraw provizjon ta’ ikel u komplew il-vjagg taghhom. Il-progress issa kien aktar bil-mod ghaliex il-kurrent kien kontra taghhom. Il-missier u l-omm kienu jbiddlu lil xulxin fuq l-imqadef u kien qadfu xi erba jew hames mili meta l-omm innutat xi haga mhux tas-soltu. Jestendu fuq merghat livell max-xmara, sakemm setghet tara l-ghajn, kien hemm numru kbir ta’ tined. Kumpaniji ta’ suldati Francizi bl-uniformi kienu qed jipprattikaw ezercizzji militari u fil-kamp deher li kien hemm attivita’ hajja.

“Huwa kamp tat-tahrig ghas-suldati Francizi,” qal il-missier u filwaqt li nehha l-berritta minn go rasu, ghajjat “Vive la France” daqs kemm kellu sahha fil-pulmun. Pierre u Pierrette xejru idejhom u ghajtu wkoll filwaqt li l-omm mitlufa f’ecitament kbir qabet il-pupa ta’ Pierret, Jacqueline li kienet fil-wicc tal-basket u bdiet ixxejjer biha. Xi suldati irreciprocaw ukoll.

Il-missier deher imhasseb. “Kliemhom ma hux bil-lingwa Franciza. Ma nistghax nifhem dak li qed jghidu. Imma fuqhom ghandhom uniformi Franciza. Liema regiment jistghu jkunu. Irrid nara.”

“Ma ahniex boghod mic-centru ta’ Fontanelle,” wissietu martu. “Mhux ahjar inkomplu sejrin.”

“Ma nistghux naslu hemm minghajr ma nieqfu xi mkien biex nieklu,” qal il-missier. Diga saru l-hdax u aktar jinteressani li nsir naf min huma dawk is-suldati milli niekol.” Ghaldaqshekk rabtu l-“Arka” ma’ sigra u telghu fuq ix-xatt.

Sabu ruhhom f’belt mimlija suldati u l-missier sab ruhu fosthom jaghmel hbieb ma’ xi whud li kienu qrib il-kcina li minnha kienet hierga riha ta’ ikel jaqsamlek qalbek.

Pierre u Pierrette xammew ukoll ir-riha ta’ ikel ifuh. L-omm ma setghitx tghid b’mod ta’ apprezzament, “Il-kok

taghkom jaf sew kif jaghmel is-soppa. Pierre pogga idu fuq l-istonku tieghu bhallikieku ried juri li kien bil-guh u ghamel xi hsejjes b'xuftejh. “Pierre,” canfritu ommu, “fejn huma l-manjeri tieghek?”

Dak il-hin kienu ghaddejjin zewg suldati, wiehed twil u irqieq u l-iehor iqsar fid-daqs. Waqfu ghall-mument, dahqu u imitaw lil Pierre.

“Bil-guh, sabieh?” staqsa lil Pierre. Pierre inhasad.

Ir-ragel qasir ta daqqa ta' minkeb lil habibu u qallu, “Ma intix tara li huwa Franciz? Tahseb li ghadek pajjizek gewwa Illinois? Ipprova kellmu bil-lingwa tieghu. Ikollok cans li titghallem l-accent franciz.”

Habib Jim qallu,” Kellmu inti bil-Franciz. Zgur li mhux ser tbezzghu daqs kemm titkellem imfarrak. Il-guvnott jidher b'sahhtu.”

Jim avvicina lil Pierre u qallu, "Avvy-voo-doo faim?" jigifieri ghandek guh?

Habibu mill-gdid qallu, “Erga' pprova. Il-franciz tieghek iwewer lil kull min jisimghu.”

Jim qaghad bilqieghda fuq kaxxa ta' l-injam u filwaqt l qallu l-istess kliem ghorok l-istonku tieghu biex ifissirlu jekk ghandux guh.



Pierre resaq fuq ommu u staqsiha x’ried jghid l-amerikan.

Ommu resqet fuq l-amerikan tipprova izzomm id-dahk. U Jim qalilha li huma amerikani li gew fi franza biex jghinuhom kontra l-Germanizi.  Jim xejjer idejh u ghamel sinjal bhallikieku qed jispara bi xkubetta.

Tbissima dehret fuq wicc l-omm u bil-ferh ghajtet "Les Americains!" jigifieri l-Amerikani. Imbaghad ghajtet lil Pierre u lil Pierrette biex jersqu jehdulhom b’idejhom. “Gew mill-l-Amerka biex jiggieldu maghna.”

It-tewmin resqu misthija u ghamlu kif talbithom ommhom. Imma ma damux ma saru hbieb maghhom hekk li bdew jispjegaw il-ktieb tal-frazijiet francizi lis-suldat ta’ persuntu twila.

Il-qsajjar jismu Jim, beda jxejjer idu biex jipprova jfiehem lil omm dak li xtaq jghidilha.

Dak il-mument resaq fuqhom Kaptan Franciz u l-irgiel qamu fuq saqajhom u sellmulu filwaqt li habbtu t-tkaken taz-zarbum flimkien. Missier it-tewmin wkoll sellimlu u kellmu. Il-kaptan induna li missier it-tewmin kien suldat ta' Franza u staqsieh fejn kien wegga'.

Hawn irrakonta l-grajja ta' kif wegga, kif sab ruhu fil-katidral ta' Rheims, il-bumbardament fuq il-knisja u n-nirien li hakmuh u kif uliedu salvawh minn mewt certa.

Il-Kaptan dar lejn l-Amerikani u rrakontalhom kollox bl-Ingliz. “Hawn ghandna tlett eroj ta' Franza u mhux wiehed. Dawn it-tfal ghexu taht bumbardament kontinwu sa minn Settembru u salvaw lil missierhom minn katidral jaqbad b'riskju ta' hajjithom.”

Ghal dan il-kliem l-amerikani sellmu lil missier u wara lit-tewmin waqt li l-omm hassitha ittir bil-ferh.

Il-Kaptan dar lejn il-missier u bil-lingwa Franciza qallu. “Ejjew inghadqu maghna ghall-pranzu ta' nofsinhar. Din hija l-Foreign Legion hbieb ta' Franza maghmulha minn nies qalbiena gejjin minn diversi pajjizi. Dawn gew volontarjament biex jghinuna nehilsu mill-Germanzi. Hawn jircievu tahrig mehtieg minn ufficjali francizi



qabel jmorru fuq il-front tal-battalja. Dawn l-Amerikani ghadhom kif waslu u ma tant jafu jitkellmu bil-Franciz, imma jixtiequ li intom taccettaw l-istedina biex tippranzaw maghhom.””

Kemm hadet pjacir il-familja Meraut. Dan il-jum zgur ser jibqghu jiftakruh, l-aktar it-tewmin u kemm ghandhom x’jirrkontaw lil shabhom meta tintemm il-gwerra.

Pierre hassu kburi u kemm kien jixtieq jitkellem il-lingwa taghhom biex jispjegalhom il-grajjiet li ghaddew minnhom gewwa Rheims!

Madankollu kull ma seta’ jaghmel hu li jiekol is-soppa u jhares lejn is-suldati jitharrgu fil-kamp tal-gwerra. Meta sar il-hin li jinfirdu, Pierre hassha bi kbira li ser jitbieghed minn dawk li fi ftit hin sar habib taghhom.

Is-suldat it-twil taptap tnejn fuq spallejn Pierre bhala sinjal ta’ hbiberija u qal lit-tifel,” Ejja zurna l-Amerka xi mument u mieghek gib il-familja kollha.”

Pierre tbissem ghalkemm ma fehem xejn minn dak li qallu s-suldat. Hadlu b’idejh ghal l-ahhar darba u gera’ lejn id-dghajsa biex jinghaqad mal-genituri tieghu u ohtu.

Jim u is-suldat l-iehor qaghdu jharsu lejhom sa ma l-Arka ghebet wara s-sigar.